MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

7 LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 8

It-Tlieta 26 ta' Gunju 2018

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

***Ma Kienx hemm***

**ASSENTI**

Vince Bongailas - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

8.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

***Ma Kienx hemm***

8.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

8.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Mejju 2018.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Vici Sindku Christopher Bruno

Is-Sur Paul Bongailas innota punt mis-seduta preċedenti mmarkat bin-numru 7.3.10 biex jiġi korret peress li l-'meeting' imsemmi sar ġol-premises tal-PA mhux sar mal-PA. Is-Sinjura Sindku ikkonfermat illi c-CEO tal-PA s–sinjur Johann Buttigieg kien xorta preżenti waqt dan il–meeting.

8.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku : Korrespondenza**

8.3.1 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop introduċiet l-organizer tal-attivita' ta' A Puttinu Cares li ser issir fit-3 ta' Awwissu ġewwa l-Kalkara s-Sur Mario Camilleri li kien preżenti waqt din is-seduta lil kumplament tal-Kunsill.

Is -Sur Camilleri spjega ser isir waqt din l-attivita' u x'hemm pjanat biex kulħadd ikun infurmat fosthom ikkonferma:

- Il-band li ser tkun qed idoqq waqt l-attivita' li ser ikun ukoll sponserjata minn fondi speċjali wara li ġie involuti s-Sur Albert Marshall, il-band ser tkun qed idoqq diski minn snin differenti biex jintlaqtu l-gosti ta' kulħadd.
- Buses tat-turisti ser ikunu ukoll ġejjin għal din l-attivita'
- Ser ikun hemm animators u kantanti mill-lokal
- Tickets għal dħul għal esplora b'xejn għat-tfal

- Gazebos mimlijin bi crafts innovattivi

Is-Sinjura Maria Sultana ikkonfermat illi n-neputi tagħha huwa 'available' biex ikanta waqt din is-serata. Is-Sindku ikkonfermat illi ser tkun qed tikkomunika mal-ġenituri tiegħu biex ikollu ħin provdut waqt din l-attivita

Is-Sur Bruno saħaq illi tajjeb illi titella' notifikazzjoni fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill biex kulħadd ikun infurmat illi t-talenti lokali jistgħu jkollhom opportunita' waqt serati bħal dawn.

Is-Sur Camilleri ikkonferma illi l-'expenditure' ta' din l-attivita' ser tkun kollha koperta minn sponsors provdut minnu stess kif ukoll il-calypso radio ser ikun qed jitrażmetti mill-lokal live waqt din l-attivita'.

Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop talbet lis-Seg Eżek tikkordina meeting mal-pulizija biex jiġu diskussi l-loġistika tal-għeluq tat-toroq kif ukoll infurmat il-Kunsill illi ser ikunu qed jintbgħatu 'flyers' f'kull dar ġewwa l-Kalkara meta jkunu lesti minn naħa ta' organizzatur.

8.3.2

Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill bi proġetti li qed jiġu maħduma mill-konsulent tal-Kunsill Dr.Malcolm Borg fil-preżent :

B

- 'Contingency money' rigward bini ġdid ġewwa Smart City b'isem Shoreline Residences
- Ktieb fuq il-Kalkara
- Tinda b'panella foltovoltajiċi ( informazzjoni kienet diga intbgħatet il-kunsilliera kollha b'email qabel din is-seduta)

8.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament u ma sab l-ebda oġġezzjoni biex tintbgħat il-'management reply' tal-Kunsill lill-awdituri u lill-'NAO' kif ukoll li jibda l-accountant il-ġdid Mr.Arthur Turner mill-aktar fis possibbli biex ikun jista' jirrektifika s-sitwazzjoni ta' accounting u finanzi tal-Kunsill dan wara xi disgwid mal-'accountant' tal-passat hekk kif ġie innutat mill-awdituri stess matul l-awditjar tas-sena 2017.

8.3.4

Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-bqija tal-Kunsill bil-kwotazzjonijiet li l-amministrazzjoni tal-Kunsill kiseb rigward 'cctvs' ġodda għal uffiċini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn għandhom jitwaħħlu mill-aktar fis possibbli ħabba sigurta għal ħaddiema tal-istess Kunsill.

8.3.5 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar kwotazzjoni li inkisbet mill-amministrazzjoni tal Kunsill biex jinxtara podium kif diġa ġie issuġerit u diskuss f'seduti preċedenti mill-Kunsillier Pawlu Bongailas. Il-Kunsill qabel unanimament li dan għandu jinxtara għal benefiċċju tal-Kunsill waqt l-attivitajiet kollha skedati minflok jibqa' jinkera kif kien għadu qed isir fil-preżent.

8.3.6 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-kunsill dwar l-eżerċizzju li sar fix-Xewkija l-Kalkara. Eżerċizzju ta' tindif tal-area. Grazzi kbira tmur għal partijiet kollha involuti speċjalment il-pulizija tad-distrett, il-cleansing directorate kif ukoll it-TM li ħadmu fuq li ħadmu biex jagħtu servizz prim waqt dan l-eżerċizzju.

Is-Sinjura Chircop żiedet tgħid illi hi tifhem illi għal kalkariżi li għandhom dgħajsa hija sitwazzjoni kemmxejn diffiċli biex tindera sistema ġdida wara tant snin la darba l-Kunsill jiddeċiedi kif ser ikompli jirregola din iż-żona.

It-tieni eżerċizzju ta' tindif qed jiġi skedat mal-partijiet imsemmija hawn fuq fil-ġranet li ġejjin.

8.3.7 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ilment m'għand xi residenti li joqgħodu n-naħa tax-Xatt fuq floodlight partikolari imwaħħla viċin tal-faċċata tagħhom minħabba li bid-dawl stess qed jinġemgħu ħafna nemus fil- gallariji rispettivi tagħhom. Hija qalet ukoll illi jekk din tiċċaqlaq għal sit iehor ser titpoġġa problema fi ħdan ħaddieħor.

Il-Kunsill qabel illi din għandha tintefa u wieħed jara minn hemm jekk in-nies ikunux kuntenti.

Is-Sinjura Sultana saħħqet illi hemm bżonn li wieħed jinżel fuq il-post biex jara din is-sitwazzjoni kif ukoll is-Sur Bruno saħaq illi jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jaqlahha għanda tixiftja għal taħt it-triq ta' Triq ix-Xatt minħabba sigurta u abbużi li qed ikun hemm f'din iż-żona imsemmija minnu stess.

8.3.8 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill laqa' ġewwa Sqallija imtela' minn NGO taljana li kien ser jattendi għaliha l-Viċi Sindku s-Sur Chris Bruno peress li s-suġġett huwa fuq żagħżagħ fil-lokal. Is-Sur Bruno żied

jgħid illi wara l-laqgħa ser ikun qed iħejji rapport ta' informazzjoni fuq xi jkun ġara ġewwa Sqallija. Dan il-proġett huwa kollha ffinanzjat minn naħa ta' din l-NGO li stiednet il-Kunsill tagħna jattendi għal dan is-seminar.

8.3.9 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar proċeduri ġodda rigward twaħħil ġdid ta' 'bus shelters' fil-lokalitajiet li ġew mibgħuta lil kunsilli kollha minn naħa ta' l-AKL biex jekk hemm xi 'bus shelters' li jridu jiġu irranġati jew miżjuda l-kunsilliera ikunu jafu x'wieħed irid jagħmel. Hija saħqet illi jekk hemm min għandu xi suġġerimenti tajjeb li jaddihom biex jimbeda l-proċess loġistiku minn naħa tal-Kunsill.

Suġġeriment minn naħa tas-Sindku : 'bus shelter' ġdid ġewwa Santa Liberata ( fuq rikjesta tan-nies)

8.3.10 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill dwar laqħa li kellha fejn kienet preżenti s-Seg Eżek ukoll ma rappreżentant tal-mepa, kif ukoll il-perit tal-kunsill fuq proġett li jridu jagħmlu ġol Kalkara. Dan jitratta dwar riġenerazzjoni ta' binja privata li hemm ix-Xatt tal-Kalkara. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li dan il-proġett isir bil-patt u bil-kundizzjoni illi l-Kunsill għandu jitkellem u jinforma l-owner ta' din il-blokka u bil-permess tiegħu dan isir. Il-fondi għal dan il-proġett jekk jintlaħaq ftehim u jsir huma kollha iffinanzjati mill-fondi tal-mepa dirett.

8.3.11 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar applikazzjoni waħda li ntbgħatet minn impjegata tal-Kunsill rigward officer in scale 13 u l-applikazzjoni li kienet inħarġet mis-Seg stess aktar kmieni dan ix-xahar hekk kif kien ġie maqbul mill-istess Kunsill fis-seduta preċedenti.

Il-Kunsill qabel unanimament illi la darba Miss Camilleri għandha l-kwalifiki neċessarji hekk kif ħarget il-call tajjeb li tittranġa l-iskal u tiġi ittrenjata tagħmel xogħol ġdid fi ħdan l-uffiċini tal-Kunsill biex b'hekk is-Seg Eżek ikollha aktar għajnuna fix-xogħol ta' amministrazzjoni tal-istess Kunsill.

Is-Sur Pawlu Bongailas żied jgħid illi għalih għandu jiddaħħal persuna oħra teknika fuq ċertu affarijiet iktar ta' ħsieb li jinqalgħu matul il-ġranet fil-Kunsill.

Is-Seg Eżek żiedet tgħid illi għalissa hi kuntenta b'din l-għajnuna li approva l-bqija tal-Kunsill. Wieħed għandu jara aktar il-quddiem kif ser jiżvolġu / jittranġaw l-affarjiet dan anka minħabba problemi finanzjarji tal-Kunsill.

8.3.12 Is-Seg Eżek preżentat kaxxa li inġiebet il-Kunsill mingħand resident fuq l-avviż li nħareġ fuq il-fuljett aktar kmieni din is-sena fil-Kalkara biex jiġi issuġerit xi tip ta' totem biex jingħata waqt Jum il-Kalkara. Is-Sur Bongailas

saħaq li dan ġie wara d-data ta' skadenza, pero s-Seg Eżek ikkonfermat li kien nuqqas minn naħa tagħha li nesiet itella din il-kaxxa mimlija informazzjoni / suġġerimenti fis-seduta preċedenti. Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi ser ikun qed jiddiskuti dan is-suġġeriment mal-kumplament tas-Sotto Kumitat ta' Jum il-Kalkara u jagħti risposta formali lill-Kunsill fis-seduta ta' wara l-festa tal-lokal.

C 8.3.13 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill b'talba mingħand resident li toqgħod in-naħa ta' Triq l-Isptar Navali biex titwaħħal 'traffic calmer' minħabba karozzi li jidħlu straxxnati f'sit limitat.

Is-Sur Bruno saħaq illi tajjeb li wieħed jara l-opinjonijiet tan-nies tal-madwar dan minħabba l-fatt illi 'traffic calmer' ħadd ma jkun irida wara biebu minħabba raġunjiet ovji speċjalment ħabba l-istorbju li jagħmlu l-karozzi huma u għaddejjin minn fuqha speċjalment ġo triq dejqa bħal din imsemmija hawn fuq.

Is-Sur Pawlu Bongailas qal illi l-Kunsill kien ftihem illi d-deċiżjoni għandha tkun waħda tal-Kunsill u mhux skond dak li jiddettaw ir-residenti finalment.

Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha tintbgħat lill-TM bħas-soltu biex tinġieb informazzjoni professjonali fuq din it-'traffic calmer' mitluba mingħand din ir-resident partikolari kif isir is-soltu.

D Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar ħafna ilmenti li qegħedin jiġu innutati fl-uffiċini tal-Kunsill mingħand residenti li joqgħodu fl-area tal-Kunsill stess rigward in-nuqqas ta' parking speċjalment dan meta ikun hemm xi attivitajiet / tieġijiet ġos-siti ta' esplora kif ukoll Bighi dan wara qabel ma sar il-parking f'din l-akwata s-Sur JPO kien wiegħed lir-residenti matul il-laqgħa li l-parking li ser jinbena ser ikun għal benefiċċju ta' kulħadd inklużi r-residenti.

Is-Sinjura Chircop saħqet illi hi kienet reġgħet ċemplet lill-JPO biex tkellmu għal darboħra fuq din is-sitwazzjoni fejn hu kkonferma li hu ma jistax jobbliga lin-nies jipparkjaw f'dan il-parking anka meta jkun hemm l-attivitaiet għax kulħadd għandu dritt jipparkja fejn irid.

Is-Sinjura Sultana saħħqet illi dan il-bniedem mar lura minn kelmtu u mill-ftehim li kien sar mal-Kunsill u r-residenti kollha għax kulħadd kien qed jistenna li l-parking ser ikun miftuħ wara sentejn ibgħatu n-nies fi trabijiet u hsejjes tal-inġenji fl-aħħar mill-aħħar.

Is-Sinjura Chircop saħħqet illi din il-kwistjoni ser tkun qed teskala ma'

individwi li huma membri parlamentari biex forsi wieħed jieħu palju mar residenti.

Hija qalet ukoll illi r-residenti ma jistħux jifhmu l-fatt illi biex wieħed jagħmel żona ristretta għar-residenti biss hija kontra l-liġi anka billi hemm postijiet oħra f'Malta li għandhom pero hi ikkonfermat mat-TM illi dawk kienu permessi li ingħataw fl-imgħoddi.

E. Is-Sinjura Chircop infurmat il-Kunsill dwar argument ikrah li kellha mas-Seg tal-każin tal-Malta dan wara ħallew iż-żibel barra wara attivita' li kellhom. Dan wara huma għamlu bħas-snin ta' qabel fejn kien hemm skip ħadra viċin il-bandli fejn issir l-attivita' pero din is-sena l-iskip mhux qiegħeda hemm għax tneħħiet bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Hija qalet illi dak il-ħin ċemplet il-kuntrattur u biex jagħmilla pjaċir ġabarhom. Is-Sinjura Sultana saħħqet illi hi ma qablitx li tneħħew għax darboħra jerġgħu jagħmlu l-istess. Huma għandhom ikunu responsabbli li jarmu l-garbage kif suppost jekk le jinfurmaw il-Kunsill minn qabel xi jkun ser jiġri u mhux jitħalla ż-żibel barra għal konvenjenza tagħhom.

Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi hemm bżonn tintbgħat ittra liż-żewg każini biex il-Kunsill jinfurmahom illi ż-żibel ta' wara l-attivitajiet għandu jiġi meħud ħsieb minn naħa tagħhom biex jintrema kif suppost u mhux barra l-ħinijiet stipulati tal-ġbir tal-iskart fil-lokal..

Is-Sinjura Sindku kompliet tisħaq illi l-iskips fil-lokal m'humiex tajbin u li hi kienet ħadet eżempji minn lokalitajiet oħra li tneħħew kompletament fejn dawn qiegħedin jgħidu li naqqsu l-ħmieġ persentaġġ għoli ħafna. Anka peress illi nies minn lokalitajiet oħra jiġu jarmu li jkollom ġo skips tal-lokal tal-Kalkara speċjalment f'dawk li huma qiegħedin f'postijiet imwarrba bħal Santu Rokku eċċetera.

Is-Sinjura Sultana ma taqbilx mal-punt tat-tneħħija tal-iskips dan wara li skond il-fehma tagħha l-ewwel għandu ikun hawn servizz tad-'door to door' prim qabel wieħed ineħħi l-iskips dan bi prova tal-każ partikolari tagħha personali kemm hi personali kemm il-darba ikollha tirraporta li l-borża tagħha ma tinġabarx.

Is-Sinjura Sultana żiedet tgħid illi tajjeb li l-ħaddiema tal-Kunsill jiġu avzati biex jiġbru l-ħaxix li jkunu qataw minn ġot-toroq u mhux jitħalla maqtuh mal-art kif ġieli ġara.

F Is-Seg Eżek infurmat il-Kunsill illi għandhom jiġu persuni inkarigati mill-indafa fit-toroq jiltaqgħu magħha biex wieħed jibda jaħdem anka magħhom u

jingħataw ċitazzjonijiet skond il-liġi fuq ħmieġ li jitħalla barra kif ukoll li jinħareg barra l-ħin tal-istess ġbir mil-lokal.

G Is-Seg Eżek infurmat il-Kunsill dwar talba mill-każin tal-Malta biex isiru toqob fuq il-bankina ta' quddiem iz-zuntier biex jitwaħħlu l-anġli li s-soltu jitellaw fuq iz-zuntier iffinanzjati mill-istess Kunsill.

Il-Kunsill qabel illi wieħed għandu jieħu permess mill-kapillan peress li l-bankina taqa' taħt ir-responsabbilta' tiegħu peress li hija fil-parametri tal-knisja qabel wieħed jiddeċiedi li jsiru xi toqob.

## 8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**Ma kienx hemm**

## 8.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

8.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 6.18 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 8.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 8.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

8.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar il-Hamis 26 ta' Lulju 2018 fil 4:00 p.m. u spiċċat fil 5:30 ta filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 26 ta' Gunju 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop | Elaine Caruana |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |